SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

3 ta' Ottubru 2019 *

"Servizz pubbliku – Uffiċjali – Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal – Talba għal assistenza – Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal – Fastidju psikoloġiku – Portata tad-dmir ta' assistenza – Miżura ta' tneħħija – Tul tal-proċedura amministrattiva – Responsabbiltà – Danni morali"

Fil-Kawża T-730/18,

DQ, u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-Anness [1], irrappreżentati minn M. Casado García-Hirschfeld, avukat,

rikorrenti,

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn E. Taneva u T. Lazian, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-ksib ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament ġarrbu minħabba, essenzjalment, it-trattament mhux xieraq tat-talba tagħhom għal assistenza minħabba fatti ta' fastidju psikoloġiku attribwiti lis-superjur ġerarkiku tagħhom,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla),

komposta minn V. Valančius, li qiegħed jaġixxi bħala President, P. Nihoul u J. Svenningsen (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

1 Il-lista tar-rikorrenti l-oħra hija annessa biss mal-verżjoni nnotifikata lill-partijiet.

Sentenza

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, DQ u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-Anness, huma uffiċjali tal-Parlament Ewropew assenjati lid-diviżjoni [*kunfidenzjali*][2] (iktar 'il quddiem id-"diviżjoni") tad-Direttorat [*kunfidenzjali*] tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) "[*kunfidenzjali*]" (iktar 'il quddiem id-"Direttorat Ġenerali").

2 Matul is-sena 2013, ir-rikorrenti kif ukoll żewġ kollegi oħra tagħhom indikaw lid-Direttur tad-Direttorat [*kunfidenzjali*] (iktar 'il quddiem id-"Direttur") u lid-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali (iktar 'il quddiem id-"Direttur Ġenerali"), superjuri ġerarkiċi tal-Kap tad-diviżjoni (iktar 'il quddiem il-"Kap tad-diviżjoni"), bl-aġir mhux xieraq min-naħa ta' dan tal-aħħar.

3 B'mod iktar partikolari, f'ittra tal-11 ta' Novembru 2013 u indirizzata lid-Direttur Ġenerali, ir-rikorrenti kif ukoll żewġ kollegi oħra tagħhom, li esprimew it-tħassib tagħhom dwar is-saħħa tas-superjur ġerarkiku tagħhom kif ukoll dwar il-koeżjoni u l-professjonaliżmu tad-diviżjoni, kienu talbu sabiex it-test tal-lingwa li kellu jipparteċipa fih il-Kap tad-diviżjoni jiġi differit (iktar 'il quddiem l-"ittra tal-11 ta' Novembru 2013"). Fil-fehma tagħhom, il-membri tal-Bord tal-Għażla ta' dan it-test kienu ġew mhedda mill-Kap tad-diviżjoni dwar kwalunkwe possibbiltà li jeħel minn dan it-test. F'dan il-każ, il-Kap tad-diviżjoni kien hedded li jagħmel suwiċidju jew li jadotta miżuri ta' ritaljazzjoni fil-każ li jeħel mit-test. Ir-rikorrenti kif ukoll żewġ kollegi oħra tagħhom irreferew ukoll, fl-ittra tal-11 ta' Novembru 2013, għall-fatt li wieħed mill-uffiċjali mediċi tas-Servizzi Mediku, f'nota li iktar tard ġiet sottomessa lid-Direttur, għamel lista tad-diversi aġiri tal-Kap tad-diviżjoni li kienu ġew deskritt, b'mod konkordanti, minn ċerti membri tal-persunal tad-diviżjoni matul iż-żjarat tagħhom fis-Servizz Mediku matul ix-xahar ta' Ottubru 2013. Ir-rikorrenti għalhekk esprimew, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali, it-tħassib serju tagħhom dwar l-aġir professjonali u soċjali tal-Kap tad-diviżjoni.

4 Permezz ta' posta elettronika tat-18 ta' Novembru 2013, id-Direttur Ġenerali ħabbar lir-rikorrenti li huwa kien talab lid-Direttur, minn naħa, sabiex jinvestiga, fi ħdan id-Direttorat Ġenerali, dwar il-fatti li huma informawh dwarhom u, min-naħa l-oħra, sabiex jinforma lill-Kap tad-diviżjoni bid-differiment tat-test tal-lingwa tiegħu li dan tal-aħħar kellu jipparteċipa fih.

5 Permezz ta' posta elettronika tal-5 ta' Diċembru 2013, ir-rikorrenti talbu lid-Direttur jieqaf jinterroga individwalment lill-membri tad-diviżjoni u sabiex jikkunsidra l-azzjoni tagħhom bħala kollettiva, u dan kien jimplika li jiltaqa' magħhom bħala grupp. Bħala tweġiba, id-Direttur spjega li, skont l-esperjenza tiegħu, il-membri tad-diviżjoni jkunu iktar lesti li jitkellmu b'mod liberu fil-kuntest ta' konverżazzjoni privata milli f'laqgħa bħala grupp u li din kienet ir-raġuni għaliex huwa kien ta prijorità lill-intervisti individwali. Billi qies li sa dak iż-żmien kellu stampa ċara tas-sitwazzjoni bis-saħħa tal-intervisti li kien wettaq individwalment, huwa indika lir-rikorrenti, filwaqt li wera d-dispjaċir tiegħu li ma kienx informat qabel b'dawn il-problemi relazzjonali fi ħdan id-diviżjoni, li laqgħa mal-persunal kollu tad-diviżjoni f'dan l-istadju tkun prematura u li huwa kien beħsiebu jsejjaħ tali laqgħa biss meta l-atmosfera tkun iktar xierqa.

A. Fuq it-talba għal assistenza u l-miżuri adottati mill-Awtorità tal-Ħatra

6 Fl-24 ta' Jannar 2014 u permezz ta' avukat, ir-rikorrenti kif ukoll żewġ kollegi oħra tagħhom, skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), ressqu talba għal assistenza, fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, dwar il-fatti allegati ta' fastidju psikoloġiku u sesswali tal-Kap tad-diviżjoni bi ksur tal-Artikolu 12a

2 Data kunfidenzjali mħollija barra.

tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal (iktar 'il quddiem it-"talba għal assistenza"), u dan quddiem is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament li, flimkien mad-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Persunal", huwa responsabbli fi ħdan din l-istituzzjoni għat-trattament ta' tali talbiet għal assistenza.

7 Fit-talba għal assistenza tagħhom, ir-rikorrenti kif ukoll żewġ kollegi oħra tagħhom talbu lis-Segretarju Ġenerali jissospendi immedjatament lill-Kap tad-diviżjoni mill-funzjonijiet tiegħu bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal; jissospendi l-proċedura ta' evalwazzjoni tagħhom fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-rendiment professjonali tagħhom tal-2013 (iktar 'il quddiem il-"proċedura ta' evalwazzjoni 2014"); jiftaħ investigazzjoni amministrattiva u jieħu r-responsabbiltà għall-ispejjeż tal-konsulent tagħhom.

8 Fit-28 ta' Jannar 2014, ir-rikorrenti kif ukoll żewġ kollegi oħra tagħhom avviċinaw lid-Direttur tat-Tmexxija Amministrattiva tal-Persunal tal-Parlament bil-biża' tagħhom dwar iż-żamma ta' laqgħa tas-servizz, prevista l-għada fil-preżenza tal-Kap tad-diviżjoni, minħabba li kienu ppreżentaw t-talba għal assistenza. Permezz ta' posta elettronika tal-istess ġurnata, huma kienu ġew informati li żewġ persuni, "mibgħuta mid-Direttorat Ġenerali", kienu ser ikunu preżenti għal din il-laqgħa tas-servizz.

9 F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti kienu sorpriżi meta skoprew li dawn iż-żewġ persuni kienu, minn naħa, id-Direttur minkejja li huwa kien imsemmi b'mod partikolari fit-talba għal assistenza u, min-naħa l-oħra, il-Konsulent Ġuridiku tad-Direttur Ġenerali minkejja li anki dan tal-aħħar kien imsemmi fl-imsemmija talba.

10 Skont ir-rikorrenti, matul il-laqgħa tad-29 ta' Jannar 2014, wara li faħħar il-merti tal-ħidma tal-Kap tad-diviżjoni, id-Direttur, wara li telaq il-Kap tad-diviżjoni, semma l-eżistenza tat-talba għal assistenza, filwaqt li indika li huwa ma kienx jaf bil-kontenut tagħha u talab lir-rikorrenti jiftħu qalbhom miegħu. Fil-fatt huwa qalilhom: "Open your hearts and tell me what is on your liver" (Iftħu qalbkom u għiduli x'għandkom fuq l-istonku). Huwa ssuġġerixxa wkoll li r-rikorrenti jindirizzaw lill-kumitat konsultattiv dwar il-fastidju u l-prevenzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol. Huma staqsew lid-Direttur jekk din l-intervista kellhiex natura uffiċjali, peress li, jekk fl-affermattiv, huma kienu jitolbu l-preżenza tal-konsulent tagħhom, li kien jinsab barra mis-sala. Id-Direttur wieġeb li din kienet laqgħa interna, u dan kien jeskludi l-parteċipazzjoni tal-konsulent għaliha. Fir-rikors, ir-rikorrenti jindikaw li huma pperċepixxew din il-laqgħa mad-Direttur bħala tentattiv ġdid ta' intimidazzjoni, test diżonest tal-koeżjoni tagħhom u ksur tad-dinjità tal-bniedem tagħhom.

11 Permezz ta' ittra tal-10 ta' Frar 2014, il-konsulent tar-rikorrenti lmenta dwar it-trattament tat-talba għal assistenza billi rrefera kemm għal-laqgħa tad-29 ta' Jannar 2014, li matulha d-Direttur għadda kummenti mhux xierqa, kif ukoll għal laqgħa, jumejn wara, bejn il-Kap tad-diviżjoni u wieħed mill-membri tal-Bord tal-Għażla tat-test tal-lingwa. Huwa rrepeta f'dan il-kuntest l-importanza li tinfetaħ investigazzjoni amministrattiva u li jiġu adottati miżuri preventivi fl-iqsar żmien possibbli.

12 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Frar 2014, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Persunal" informa lir-rikorrenti bil-miżuri provviżorji li l-Awtorità tal-Ħatra tal-Parlament kienet diġà adottat b'reazzjoni għat-talba għal assistenza. L-Awtorità tal-Ħatra kienet iddeċidiet li tafda l-ġestjoni tad-diviżjoni lill-Kap ta' diviżjoni oħra u ħabbret li hija kienet ser taħtar, bħala sostitut tal-Kap tad-diviżjoni, persuna oħra li ssir l-ewwel evalwatur tar-rikorrenti għall-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 u, fl-aħħar nett, li hija kienet ser tiftaħ investigazzjoni amministrattiva fl-iqsar żmien possibbli.

13 Fl-4 ta' Marzu 2014, id-Direttur informa lir-rikorrenti li s-Segretarju Ġenerali kien iddeċieda li jaħtru bħala l-ewwel evalwatur tagħhom filwaqt li direttur ieħor kellu jkollu r-rwol ta' evalwatur tal-appell.

14 Fil-11 ta' April 2014, ir-rikorrenti kienu ġew informati bil-ftuħ ta' investigazzjoni amministrattiva fir-rigward tad-diviżjoni u bil-konvokazzjoni tagħhom għal seduta prevista fil-15 ta' April ta' wara.

15 Fil-21 ta' Mejju 2014, ir-rikorrenti, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, ippreżentaw ilment kontra d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li taħtar lid-Direttur bħala l-ewwel evalwatur tagħhom għall-proċedura ta' evalwazzjoni 2014, filwaqt li talbu s-sospensjoni ta' din il-proċedura ta' evalwazzjoni kif ukoll is-sospensjoni tal-Kap tad-diviżjoni mill-funzjonijiet tiegħu u l-adozzjoni ta' miżuri ta' natura li jiggarantixxu s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol tagħhom u l-kunfidenzjalità fit-trattament tat-talba għal assistenza.

16 Permezz ta' rikors li wasal fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea fit-22 ta' Mejju 2014 u li ġie rreġistrat bin-numru F-49/14, ir-rikorrenti kif ukoll kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom talbu li l-imsemmi tribunal, b'mod partikolari, jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li taħtar lid-Direttur bħala l-ewwel evalwatur tagħhom, jissospendi l-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 kif ukoll jissospendi lill-Kap tad-diviżjoni mill-funzjonijiet tiegħu.

17 Permezz ta' digriet tat-12 ta' Ġunju 2014, DQ *et* vs Il-Parlament (F-49/14 R, EU:F:2014:159), il-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji mressqa permezz ta' att separat mir-rikorrenti kif ukoll minn kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom.

18 Fit-2 ta' Ġunju 2014, il-Parlament għarraf lir-rikorrenti bil-konklużjonijiet finali tiegħu dwar it-talba għal assistenza. Dawn il-konklużjonijiet kienu tlieta, jiġifieri, l-ewwel nett, li kienu ġew adottati miżuri ta' tneħħija tal-Kap tad-diviżjoni u li l-ġestjoni tal-persunal tad-diviżjoni minn dak iż-żmien 'il quddiem kienet ser tiġi żgurata minn kap ta' diviżjoni ieħor; it-tieni nett, li l-Kap tad-diviżjoni kien ġie ssostitwit, bħala l-ewwel evalwatur tar-rikorrenti għall-proċedura ta' evalwazzjoni 2014, mid-Direttur u, it-tielet nett, li kienet infetħet investigazzjoni dixxiplinari skont l-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal fil-konfront tal-Kap tad-diviżjoni.

19 Permezz ta' nota tat-3 ta' Ġunju 2014, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament informa lid-Direttur Ġenerali li huwa kien ikkonstata li t-twettiq tal-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 b'mod konformi mal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kien sar ikkomplikat u li għaldaqstant kien iddeċieda li jissospendi b'mod provviżorju din il-proċedura ta' evalwazzjoni għad-diviżjoni kollha sakemm tinstab soluzzjoni bbilanċjata, b'mod iktar preċiż sakemm l-Awtorità tal-Ħatra tkun tista' tieħu deċiżjoni bis-serenità meħtieġa.

20 Fis-26 ta' Settembru 2014, is-Segretarju Ġenerali, fil-kwalità tiegħu ta' Awtorità tal-Ħatra, ċaħad l-ilment tal-21 ta' Mejju 2014 għaliex kien parzjalment prematur, sa fejn dan kien jirrigwarda miżuri provviżorji tal-Awtorità tal-Ħatra, u parzjalment infondat.

21 Permezz ta' ittra li waslet fir-Reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-20 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti kif ukoll kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom informaw lil dik il-qorti li huma kienu qegħdin jirrinunzjaw għar-rikors tagħhom fil-Kawża F-49/14 għar-raġuni prinċipali li l-Parlament b'mod partikolari kien aċċetta li jieħu "miżuri provviżorji, kif innotifikati permezz tan-noti [tiegħu] tat-2 u tat-3 ta' Ġunju 2014".

22 Permezz tad-digriet tat-12 ta' Jannar 2015, DQ *et* vs Il-Parlament (F-49/14, EU:F:2015:1), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ħassar il-Kawża F-49/14 mir-Reġistru tiegħu, filwaqt li ddeċieda li l-Parlament kellu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk tar-rikorrenti kif ukoll ta' kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom, għar-raġuni, essenzjalment, li kien minħabba l-assenza ta' teħid ta' passi konkreti u ffinalizzati min-naħa tal-Parlament sabiex jissospendi lill-Kap tad-diviżjoni mill-funzjonijiet tiegħu u/jew il-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 li huma ma kellhom l-ebda possibbiltà oħra ħlief li jippreżentaw dak ir-rikors, flimkien ma' talba għal miżuri provviżorji, sabiex jippreżervaw id-drittijiet tagħhom u jiksbu azzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra fil-konfront tal-fastidju psikoloġiku u sesswali li allegatament kienu qegħdin jaffaċċjaw.

23 Skont ir-rikorrenti, f'Ottubru 2015, l-Awtorità tal-Ħatra, fi tmiem l-investigazzjoni amministrattiva, stabbilixxiet rapport, li ma kienx ġie kkomunikat lilhom, li fih ġie konkluż li kien jeżisti aġir tal-Kap tad-diviżjoni li jikkostitwixxi fastidju fis-sens tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal.

B. Fuq it-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż, għall-iżburżar u għall-onorarji tal-konsulent tar-rikorrenti relatati mat-talba għal assistenza

24 Fit-2 ta' Diċembru 2015, ir-rikorrenti kif ukoll kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom, abbażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, irrepetew it-talba tagħhom, li kienet tinsab fit-talba għal assistenza, intiża sabiex l-Awtorità tal-Ħatra tieħu r-responsabbiltà għall-ispejjeż, għall-iżburżar u għall-onorarji kollha tal-konsulent tagħhom.

25 Permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Frar 2016, l-Awtorità tal-Ħatra ċaħdet din it-talba. L-ilment ippreżentat mir-rikorrenti kif ukoll minn kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom fl-4 ta' Mejju ta' wara kien ġie miċħud ukoll permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Settembru 2016.

26 Permezz ta' rikors li wasal fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Jannar 2017 u li ġie rreġistrat bin-numru T-38/17, ir-rikorrenti kif ukoll kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom talbu lill-Qorti Ġenerali tikkundanna lill-Parlament, bħala kumpens għad-dannu materjali tagħhom, għall-ħlas tas-somma ta' EUR 92 000 li tikkorrispondi għat-teħid ta' responsabbiltà għall-ispejjeż, għall-iżburżar u għall-onorarji kollha tal-konsulent tagħhom, l-ewwel nett, fil-kuntest tat-talba għal assistenza; it-tieni nett, fil-kuntest ta' proċedura mibdija minnhom kontra l-Parlament quddiem it-tribunal du travail francophone de Bruxelles (it-Tribunal Industrijali ta' Brussell bil-lingwa Franċiża, il-Belġju) u, it-tielet nett, fil-kuntest tar-rikors T-38/17.

27 Wara l-preżentata, fit-12 ta' April 2017, tar-risposta, il-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Mejju 2017, inkarigat lill-Imħallef Relatur sabiex jeżamina l-possibbiltajiet li t-tilwima tiġi solvuta permezz ta' ftehim bonarju, konformement mal-Artikolu 50a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikolu 125a(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

28 Bi tweġiba għall-proposta tal-Imħallef Relatur li jibda ftehim bonarju fuq il-bażi ta' abbozz ta' ftehim f'dan is-sens, il-Parlament indika, permezz ta' ittra tal-1 ta' Ġunju 2017, li huwa kien lest li jibda negozjati mar-rikorrenti kif ukoll ma' kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom filwaqt li dawn tal-aħħar, permezz ta' ittra tat-2 ta' Ġunju 2017, indikaw li huma ma kinux jixtiequ li t-tilwima tiġi solvuta b'mod bonarju.

29 Permezz ta' ittra tas-7 ta' Ġunju 2017, l-Imħallef Relatur stieden lir-rikorrenti kif ukoll lil kollega miż-żewġ kollegi tagħhom sabiex jikkunsidraw mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom u, jekk ikun il-każ, sabiex jikkonfermaw ix-xewqa tagħhom li jirrinunzjaw għall-proċedura ta' ftehim bonarja, filwaqt li ġibed l-attenzjoni tagħhom għall-fatt li, fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja, ikun hemm lok li tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tar-rikors fid-dawl tal-ġurisprudenza li tirriżulta, b'mod partikolari, mid-digriet tal-20 ta' Marzu 2014, Michel vs Il-Kummissjoni (F-44/13, EU:F:2014:40, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata), sa fejn, f'żewġ okkażjonijiet, f'dan il-każ fit-talba għal assistenza tal-24 ta' Jannar 2014 u f'ittra tas-6 ta' Ottubru 2014, huma kienu diġà talbu mingħand l-Awtorità tal-Ħatra r-rimbors tal-ispejjeż ta' avukati sostnuti fil-kuntest tat-talba għal assistenza u fejn ma kienx jidher li jirriżulta mill-proċess li huma kienu bdew jikkontestaw, permezz ta' lment, id-deċiżjonijiet impliċiti ta' ċaħda li seħħew wara l-iskadenza tat-terminu għal tweġiba ta' erba' xhur, previst fir-Regolament tal-Persunal, mogħti lill-Awtorità tal-Ħatra.

30 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Ġunju 2017, ir-rikorrenti kif ukoll kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom informaw lill-Qorti Ġenerali li fl-aħħar huma kienu għamlu kuntatt mal-Parlament u li, f'dan il-kuntest, huma talbu terminu addizzjonali għal tweġiba, li, fuq it-talba tal-Parlament, ġie estiż sal-21 ta' Lulju 2017. Permezz ta' ittri rispettivament tal-11 u tas-6 ta' Lulju 2017, ir-rikorrenti kif ukoll

kollega miż-żewġ kollegi l-oħra tagħhom u l-Parlament informaw lill-Qorti Ġenerali li huma kienu laħqu ftehim sabiex itemmu t-tilwima b'mod bonarju, b'tali mod li l-kawża tħassret mir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali permezz tad-digriet tas-17 ta' Lulju 2017, DQ *et* vs Il-Parlament (T-38/17, mhux ippubblikat, EU:T:2017:557). Dan il-ftehim madankollu ġie konkluż bla ħsara għal eventwali talbiet għal għad-danni separati li ma kinux ifformulati fil-kuntest tat-talbiet u tal-ilmenti inkwistjoni fil-Kawża T-38/17.

C. Fuq it-talba għad-danni inkwistjoni fil-każ ineżami

31 Fit-13 ta' Diċembru 2017, ir-rikorrenti, abbażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, talbu lill-Awtorità tal-Ħatra tagħtihom kumpens, *ex æquo et bono*, ta' EUR 192 000 għad-danni morali li huma ġarrbu minħabba n-nuqqasijiet tal-Awtorità tal-Ħatra fit-trattament tat-talba tagħhom għal assistenza, b'mod partikolari l-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' premura kif ukoll ksur tad-dinjità tal-lanjanti u tad-dritt tagħhom għal kundizzjonijiet tax-xogħol li jiżguraw is-saħħa tagħhom, is-sigurtà tagħhom u d-dinjità tagħhom.

32 Peress li l-Awtorità tal-Ħatra ma aġixxietx fir-rigward ta' din it-talba għad-danni, ir-rikorrenti, fit-23 ta' Mejju 2018, ippreżentaw ilment kontra d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba tagħhom għad-danni li saret fit-13 ta' April 2018.

33 Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2018, is-Segretarju Ġenerali, fil-kwalità tiegħu ta' Awtorità tal-Ħatra, ċaħad l-ilment tat-23 ta' Mejju 2018 għaliex infondat, filwaqt li fakkar il-miżuri ta' assistenza li kienu ġew adottati mill-Awtorità tal-Ħatra, b'mod partikolari s-sospensjoni tal-Kap tad-diviżjoni mill-funzjonijiet tiegħu u l-bidu, fis-6 ta' Jannar 2016, ta' proċedura dixxiplinari fil-konfront tiegħu li wasslet, wara riferiment lill-Bord Dixxiplinari u wara li nstemgħet, fl-14 ta' Novembru 2016, il-parti kkonċernata, għall-impożizzjoni, fis-27 ta' Frar 2017, ta' sanzjoni dixxiplinari. Skont l-Awtorità tal-Ħatra, dawn il-miżuri stabbilixxew mill-ġdid għar-rikorrenti kundizzjonijiet tax-xogħol li jiżguraw is-saħħa tagħhom, is-sigurtà tagħhom u d-dinjità tagħhom. Dan jintwera mill-fatt li ma seħħ l-ebda aġir li jikkostitwixxi fastidju psikoloġiku wara l-adozzjoni mill-Awtorità tal-Ħatra, matul ix-xahar ta' Frar 2014, ta' miżuri ta' assistenza.

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

34 Permezz ta' att li wasal fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-12 ta' Diċembru 2018, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors, li fih talbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba tagħhom għad-danni u, skont il-bżonn, id-deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2018 li tiċħad l-ilment tagħhom tat-23 ta' Mejju ta' qabel;

– tordna l-kumpens għad-danni morali tagħhom, evalwat *ex æquo et bono* għas-somma ta' EUR 192 000;

– tikkundanna lill-Parlament "iħallas l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji akkumulati sadanittant";

– tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

35 Permezz ta' att separat ippreżentat fl-istess ġurnata, ir-rikorrenti talbu li jibbenefikaw mill-anonimat abbażi tal-Artikolu 66 tar-Regoli tal-Proċedura.

36 Fir-risposta, ippreżentata fl-20 ta' Marzu 2019, il-Parlament jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

37 Permezz ta' att separat ippreżentat fl-istess ġurnata, il-Parlament talab l-ommissjoni fil-konfront tal-pubbliku ta' ċerta data li tikkonċerna lil terzi.

38 Fid-19 ta' April 2019, il-Qorti Ġenerali għalqet il-fażi bil-miktub tal-proċedura.

39 Fl-assenza ta' talba mressqa f'dan is-sens mill-partijiet fit-terminu ta' tliet ġimgħat b'effett min-notifika tal-għeluq tal-fażi bil-miktub tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali, wara li qieset li kellha għarfien suffiċjenti permezz tal-annessi tal-proċess, iddeċidiet, b'applikazzjoni tal-Artikolu 106(3) tar-Regoli tal-Proċedura, li taqta' l-kawża mingħajr il-fażi orali tal-proċedura.

40 Permezz ta' ittra mir-Reġistru tal-1 ta' Awwissu 2019, il-Parlament ġie mitlub, abbażi ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, iwieġeb għal diversi mistoqsijiet, u huwa għamel dan fit-terminu stabbilit.

III. Id-dritt

A. Fuq it-talbiet għal annullament

41 Ir-rikorrenti, filwaqt li jressqu talbiet għad-danni, jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tat-talba tagħhom għad-danni u, skont il-bżonn, tad-deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2018 li tiċħad l-ilment tagħhom tat-23 ta' Mejju ta' qabel.

42 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita, id-deċiżjoni ta' istituzzjoni li tiċħad talba għad-danni tagħmel parti integrali mill-proċedura amministrattiva minn qabel li tipprekludi rikors għad-danni ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali. Peress li l-effett tal-att li fih it-teħid ta' pożizzjoni tal-istituzzjoni matul il-fażi prekontenzjuża huwa biss dak li jippermetti li l-parti li allegatament ġarrbet dannu tadixxi lill-Qorti Ġenerali b'talba għad-danni, it-talbiet għal annullament immirati kontra tali deċiżjoni ta' ċaħda ma jistgħux jiġu evalwati b'mod awtonomu meta mqabbla mat-talbiet għad-danni (sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1997, Gill vs Il-Kummissjoni, T-90/95, EU:T:1997:211, punt 45; tas-6 ta' Marzu 2001, Ojha vs Il-Kummissjoni, T-77/99, EU:T:2001:71, punt 68, u d-digriet tal-25 ta' Marzu 2010, Marcuccio vs Il-Kummissjoni, F-102/08, EU:F:2010:21, punt 23).

43 Konsegwentement, ma hemmx lok li tittieħed deċiżjoni b'mod awtonomu dwar l-ewwel kap tat-talbiet.

B. Fuq it-talbiet għad-danni

44 Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu essenzjalment li huma ġarrbu danni morali li rriżultaw min-nuqqas tal-Awtorità tal-Ħatra li tadotta fi żmien xieraq il-miżuri xierqa ta' natura li jissodisfaw it-talba tagħhom għal assistenza u li jiggarantixxulhom kundizzjonijiet tax-xogħol konformi mal-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Bħalma jikkonfermaw id-diversi inċidenti li huma jiddeskrivu fir-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jqisu li, minħabba l-passività tad-dipartimenti tal-Awtorità tal-Ħatra, huma kienu esposti għal ħsara lid-dinjità tagħhom, lill-personalità tagħhom u lill-integrità fiżika u mentali tagħhom min-naħa tal-Kap tad-diviżjoni. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-Ħatra ma wettqitx l-investigazzjoni amministrattiva fl-osservanza tal-prinċipju ta' terminu raġonevoli. Hija lanqas ma bdiet il-proċedura dixxiplinari kontra l-Kap

tad-diviżjoni u lanqas ma imponiet fuq dan tal-aħħar sanzjoni dixxiplinari fi żmien xieraq. Ir-rikorrenti jinvokaw għal darba oħra ksur mill-Kap tad-diviżjoni tad-dritt tagħhom għall-protezzjoni tas-sigriet mediku.

45 Ir-rikorrenti jitolbu konsegwentement kumpens għad-danni morali tagħhom, li huma jevalwaw *ex æquo et bono* għas-somma ta' EUR 192 000.

46 Il-Parlament jitlob iċ-ċaħda tat-talbiet għad-danni għaliex infondati, filwaqt li jenfasizza li d-dipartimenti tiegħu adottaw il-miżuri kollha raġonevoli mill-mument li fih l-Awtorità tal-Ħatra ġiet adita b'mod formali mir-rikorrenti bit-talba għal assistenza. Għalkemm jammetti li s-sitwazzjoni ma ġietx ġestita dejjem bir-radikalità li kienet meħtieġa, huwa jenfasizza li, wara li t-tneħħija tiegħu li ġiet deċiża b'reazzjoni għat-talba għal assistenza, kien biss b'mod okkażjonali li l-Kap tad-diviżjoni kellu kuntatti mal-uffiċjali tad-diviżjoni u li kienu ftit ħafna d-drabi li huwa kellu jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-imsemmija diviżjoni. Issa, skont il-Parlament, dawn l-inċidenti okkażjonali u marġinali ma jistgħux ikunu ta' natura li jistabbilixxu r-responsabbiltà tiegħu, fuq kollox fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandha l-Awtorità tal-Ħatra fid-definizzjoni tal-miżuri ta' assistenza. Fir-rigward tat-tul tal-proċedura ta' investigazzjoni amministrattiva u tal-proċedura dixxiplinari mibdija kontra l-Kap tad-diviżjoni, il-Parlament jispjega li l-investigazzjoni amministrattiva kienet tikkonċerna numru sinjifikattiv ta' persuni u li l-Kap tad-diviżjoni, minkejja l-ammont kbir tad-dokumentazzjoni miġbura fil-kuntest tal-investigazzjonijiet, ma aċċettax il-miżuri u s-sanzjonijiet meħuda fil-konfront tiegħu, filwaqt li l-Awtorità tal-Ħatra kellha tiżgura r-rispett tad-drittijiet fundamentali u proċedurali tiegħu bħala persuna investigata. Barra minn hekk, il-Parlament jenfasizza li l-Kap tad-diviżjoni ppreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex jikkontesta s-sanzjoni dixxiplinari li ġiet imposta fuqu, f'dan il-każ ir-rikors li wassal għas-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, UZ vs Il-Parlament (T-47/18, EU:T:2019:650) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat l-imsemmija sanzjoni. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti għadhom ma pproduċewx prova li huma ġarrbu aġiri mhux xierqa oħra min-naħa tal-Kap tad-diviżjoni wara l-assenjazzjoni mill-ġdid ta' dan tal-aħħar.

1. Fuq l-eżistenza ta' illegalitajiet imwettqa mill-Awtorità tal-Ħatra ta' natura li jistabbilixxu r-responsabbiltà tal-Unjoni

a) Kunsiderazzjonijiet ġenerali

47 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li, b'mod ġenerali, l-istabbiliment tar-responsabbiltà ta' istituzzjoni, ta' korp jew ta' organu tal-Unjoni Ewropea huwa suġġett għall-issodisfar ta' sett ta' kundizzjonijiet, jiġifieri l-illegalità tal-aġir ikkritikat lill-istituzzjoni, lill-korp jew lill-organu, ir-realtà tad-dannu allegat u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir ikkritikat u d-dannu allegat, fejn dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi (sentenza tal-10 ta' April 2019, AV vs Il-Kummissjoni, T-303/18 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2019:239, punt 104; ara wkoll, is-sentenza tad-19 ta' Mejju 2015, Brune vs Il-Kummissjoni, F-59/14, EU:F:2015:50, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

48 F'dan ir-rigward, il-kontenzjuż fil-qasam tas-servizz pubbliku abbażi tal-Artikolu 270 TFUE u tal-Artikoli 90 u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal, inkluż dak intiż għall-kumpens għal dannu kkawżat lil uffiċjal jew lil aġent minn istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni, huwa suġġett għal regoli partikolari u speċjali meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni fil-kuntest tal-Artikolu 268 TFUE u tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE (sentenza tal-10 ta' April 2019, AV vs Il-Kummissjoni, T-303/18 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2019:239, punt 105).

49 Fil-fatt, mir-Regolamenti tal-Persunal jirriżulta b'mod partikolari li, b'differenza minn kwalunkwe individwu ieħor, l-uffiċjal jew l-aġent tal-Unjoni huwa marbut mal-istituzzjoni, mal-korp jew mal-organu li taħtu huwa jaqa' minn relazzjoni legali ta' impjieg li tinkludi bilanċ ta' drittijiet u ta'

obbligi reċiproċi speċifiċi, u dan huwa rifless mid-dmir ta' premura tal-istituzzjoni li timpjega fil-konfront tal-parti kkonċernata (ara s-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs Petrilli, T-143/09 P, EU:T:2010:531, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ikkonfermata bid-deċiżjoni tat-8 ta' Frar 2011, Eżami mill-ġdid Il-Kummissjoni vs Petrilli, C-17/11 RX, EU:C:2011:55, punti 4 u 5).

50 Fid-dawl ta' din ir-responsabbiltà ikbar tal-Unjoni meta taġixxi bħala persuna li timpjega, is-sempliċi konstatazzjoni ta' illegalità mwettqa, skont il-każ, mill-Awtorità tal-Ħatra jew mill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ, kemm jekk ikun att jew aġir deċiżjonali, hija suffiċjenti sabiex jitqies li hija ssodisfatta l-ewwel waħda mit-tliet kundizzjonijiet meħtieġa għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Unjoni għad-danni kkawżati lill-uffiċjali u lill-aġenti tagħha minħabba ksur tad-dritt tas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni (sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2010, Il-Kummissjoni vs Petrilli, T-143/09 P, EU:T:2010:531, punt 46, u tat-12 ta' Lulju 2011, Il-Kummissjoni vs Q, T-80/09 P, EU:T:2011:347, punt 45), u dan, konsegwentement, mingħajr ma jkun hemm bżonn li wieħed jistaqsi dwar jekk dan huwiex ksur "suffiċjentement serju" ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi (sentenzi tal-14 ta' Ġunju 2018, Spagnolli *et* vs Il-Kummissjoni, T-568/16 u T-599/16, EU:T:2018:347, punt 196, u tas-6 ta' Mejju 2019, Mauritsch vs INEA, T-271/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:286, punt 42).

51 Fir-rigward tal-każijiet li fihom tista' tiġi kkonstatata illegalità, hemm lok li jittieħed inkunsiderazzjoni l-marġni ta' diskrezzjoni li kellha l-amministrazzjoni. B'hekk, meta l-amministrazzjoni għandha tadotta aġir speċifiku abbażi tat-testi fis-seħħ, tal-prinċipji ġenerali jew tad-drittijiet fundamentali, jew anki tar-regoli li hija imponiet fuqha nnifisha, sempliċi nuqqas ta' osservanza ta' tali obbligu jista' jistabbilixxi r-responsabbiltà tal-istituzzjoni kkonċernata. Min-naħa l-oħra, meta hija jkollha marġni ta' diskrezzjoni wiesa', b'mod partikolari meta hija ma tkunx marbuta taġixxi b'mod speċifiku abbażi tal-kuntest ġuridiku applikabbli, huwa biss l-iżball manifest ta' evalwazzjoni li jikkostitwixxi illegalità (ara s-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2017, CJ vs ECDC, T-703/16 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2017:892, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-ilmenti tar-rikorrenti fil-kuntest tat-talbiet tagħhom għad-danni.

53 F'dan ir-rigward, minkejja n-nuqqas ta' ċarezza tar-rikors, għandu jiġi mifhum li r-rikorrenti essenzjalment jikkontestaw, fir-rigward tal-kundizzjoni relatata mal-illegalità tal-azzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tliet aspetti: l-ewwel nett, l-aġir tal-Kap tad-diviżjoni bħala tali; it-tieni nett, in-natura mhux xierqa tal-miżuri adottati mill-Awtorità tal-Ħatra b'reazzjoni għat-talba għal assistenza u, qabel dan, b'reazzjoni għas-senjalazzjoni fis-sens tal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal li huma kellhom l-intenzjoni li jagħmlu permezz, b'mod partikolari, tal-ittra tagħhom tal-11 ta' Novembru 2013 u, it-tielet nett, it-tul, li fil-fehma tagħhom ma kienx raġonevoli, tal-investigazzjoni amministrattiva u t-tardività sussegwenti tal-proċedura dixxiplinari mibdija kontra l-Kap tad-diviżjoni.

54 Dawn it-tliet kategoriji ta' lmenti għandhom jiġu eżaminati suċċessivament.

b) Fuq it-talbiet għad-danni fir-rigward tad-danni morali li r-rikorrenti ġarrbu b'riżultat tal-aġir stess tal-Kap tad-diviżjoni

55 Fir-rigward tat-talbiet għad-danni intiżi għall-kumpens għad-danni morali li r-rikorrenti ġarrbu minħabba l-aġir tal-Kap tad-diviżjoni, qabel kollox dawn għandhom jiġu miċħuda għaliex prematuri, sa fejn ir-rikorrenti ma ressqux, preċedentement, rikors għad-danni quddiem qorti nazzjonali kontra l-imsemmi Kap tad-diviżjoni li kien ġie miċħud.

56 Fil-fatt, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Unjoni għandha tassisti lill-uffiċjal jew lill-aġent "partikolarment fi proċeduri kontra kull persuna li tagħmel theddid, atti jew kliem ta' insult jew defamatorji, jew kull attakk fuq persuna jew proprjeta' li għalihom huwa jew

membru mill-familja tiegħu huwa suġġett minħabba l-posizzjoni jew id-dmirijiet tiegħu". Barra minn hekk, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Unjoni "għandhom jikkumpensaw [għandha tikkumpensa] *in solidum* l-uffiċjal għall-ħsara li sofra fit-tali każijiet, sakemm l-uffiċjal ma kkawżax il-ħsara intenzjonalment jew b'negliġenza gravi u ma kienx kapaċi jikseb kumpens mill-persuna li kkważata".

57 F'dan ir-rigward, l-obbligu ta' assistenza stabbilit bl-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal huwa intiż għad-difiża tal-uffiċjali u tal-aġenti, mill-istituzzjoni tagħhom, kontra l-aġir ta' terzi u mhux kontra l-atti li joriġinaw mill-istituzzjoni nnifisha, li l-investigazzjoni tagħhom taqa' taħt dispożizzjonijiet oħra tar-Regolamenti tal-Persunal (sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1981, Bellardi-Ricci *et* vs Il-Kummissjoni, 178/80, EU:C:1981:310, punt 23, u tad-9 ta' Settembru 2016, De Esteban Alonso vs Il-Kummissjoni, T-557/15 P, mhux ippubblikata, EU:T:2016:456, punt 45). Dan espost, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, uffiċjali jew aġenti oħra jew membri ta' istituzzjoni tal-Unjoni, bħall-Kap tad-diviżjoni, jistgħu jitqiesu li huma terzi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 1979, V. vs Il-Kummissjoni, 18/78, EU:C:1979:154, punt 15).

58 Għalhekk, konformement mat-tieni paragrafu tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, fir-rigward tad-danni morali li r-rikorrenti allegatament ġarrbu minħabba l-aġir tal-Kap tad-diviżjoni, fl-ewwel lok huma għandhom ifittxu l-kumpens għal tali dannu permezz ta' kawża għad-danni quddiem qorti nazzjonali, peress li huwa ċar li, b'applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal, huwa biss meta tali dannu ma jistax jiġi kkumpensat li l-Awtorità tal-Ħatra tista' tinżamm responsabbli *in solidum* għall-kumpens għad-danni kkawżati lir-rikorrenti b'dan l-aġir ta' "terz" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 112).

59 Madankollu, għandu jiġi ppreċiżat li, skont id-dmir ta' assistenza, l-Awtorità tal-Ħatra tista' tkun obbligata tassisti lir-rikorrenti, b'mod partikolari finanzjarjament, f'tali kawża għad-danni, f'dan il-każ sabiex jiksbu, permezz ta' azzjoni ġudizzjarja "assistita", dikjarazzjoni li l-aġiri fil-konfront tagħhom, minħabba l-kwalità tagħhom jew il-funzjonijiet tagħhom u li ġġustifika t-talba għal assistenza, jiġu ddikjarati illegali u li jagħtu lok għal kumpens minn qorti nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-9 ta' Settembru 2016, De Esteban Alonso vs Il-Kummissjoni, T-557/15 P, mhux ippubblikata, EU:T:2016:456, punt 42, u tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 113 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, it-talbiet għad-danni b'rabta mad-dannu mġarrab mir-rikorrenti b'riżultat tal-aġir tal-Kap tad-diviżjoni bħala tali għandhom għalhekk jiġu miċħuda, inklużi dawk li jikkonċernaw allegat ksur mill-Kap tad-diviżjoni tad-dritt tagħhom għall-protezzjoni tas-sigriet mediku, li barra minn hekk ma kienx invokat fit-talba għad-danni.

c) Fuq it-talbiet għad-danni dwar in-natura mhux xierqa tal-miżuri ta' assistenza adottati fil-każ inkwistjoni mill-Awtorità tal-Ħatra

1) Fuq l-aġir tal-Awtorità tal-Ħatra matul is-sena 2013

61 Ir-rikorrenti jikkritikaw qabel kollox lill-Awtorità tal-Ħatra għall-passività tagħha fit-trattament tas-senjalazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, li huma kellhom l-intenzjoni li jagħmlu permezz tal-ittra tal-11 ta' Novembru 2013, li kienet tirreferi wkoll għal dikjarazzjonijiet ta' parti minn fosthom li kienu rreġistrati fil-fajls mediċi rispettivi tagħhom u riprodotti f'nota stabbilita mis-Servizz Mediku f'Ottubru 2013. Fil-fehma tagħhom, l-Awtorità tal-Ħatra kellha, sa mis-sena 2013, tieħu l-miżuri sabiex twaqqaf il-ksur mill-Kap tad-diviżjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal.

62 F'dan ir-rigward, il-fastidju psikoloġiku huwa pprojbit mill-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal u, konsegwentement, aġir ta' uffiċjal li jaqa' taħt din il-projbizzjoni jista' jiġi kkunsidrat bħala "nuqqas serju ta' twettiq tal-obbligi mill-uffiċjali tal-Unjoni" u b'hekk ikun is-suġġett ta' senjalazzjoni skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, li jipprevedi li "[k]ull uffiċjal li matul jew f'konnessjoni mal-qadi ta' dmirijietu, isir jaf b'xi fatti li joħolqu supposizzjoni għall-eżistenza ta' attività possibbilment illegali, inklużi frodi jew korruzzjoni, li hija detrimentali għall-interessi tal-Unjoni, jew ta' kondott [kondotta] relatata mat-twettiq tad-dmirijiet professjonali [tiegħu] li jistgħu jikkostitwixxu nuqqas serju biex iħarsu l-obbligi tal-uffiċjali tal-Unjoni [nuqqas serju ta' twettiq tal-obbligi mill-uffiċjali tal-Unjoni], għandhu mingħajr dewmien javża jew lis-superjur ta' fuqu eżatt jew id-Direttur Ġenerali tiegħu jew, jekk jaħseb li tkun utli, lis-Segretarju Ġenerali, jew il-persuni fil-posizzjonijiet ekwivalenti, jew direttlill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Ottubru 2014, Bermejo Garde vs KESE, T 530/12 P, EU:T:2014:860, punt 106).

63 Dwar dan il-punt, ir-rikorrenti jaffermaw ġustament li l-ittra tal-11 ta' Novembru 2013 ma kellhiex titqies bħala talba għal assistenza fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, iżda bħala senjalazzjoni fis-sens tal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal. Fil-fatt, fl-imsemmija ittra u bħalma spjegaw huma stess fit-talba għal assistenza mressqa sussegwentement, li fiha spjegaw li kien "[s]abiex jevitaw l-iżvolġiment irregolari tat-test u filwaqt li jiġu osservati l-obbligi tagħhom li jirriżultaw mill-Artikolu 2[2] tar-Regolamenti tal-Persunal [li huma kienu] avżaw bil-miktub [lid-Direttur Ġenerali]" [traduzzjoni mhux uffiċjali], ir-rikorrenti kienu talbu essenzjalment id-differiment tat-test tal-lingwa, filwaqt li indikaw it-tħassib tagħhom dwar l-istat mentali tal-Kap tad-diviżjoni u l-aġir tiegħu fid-dipartiment. Min-naħa l-oħra, din l-ittra ma kinitx issemmi, mill-inqas b'mod espliċitu, l-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku jew sesswali. Din iktar irrapportat, essenzjalment, diffikultajiet, inkluż ta' kunflitt, fi ħdan id-diviżjoni, kif ukoll il-ksur mill-Kap tad-diviżjoni tal-prinċipju elementari tal-indipendenza tal-bordijiet tal-għażla inkarigati sabiex jiddeċiedu dwar il-kompetenzi professjonali tal-uffiċjali.

64 Billi ddeċidiet, xi ġranet wara li rċeviet l-ittra tal-11 ta' Novembru 2013, minn naħa, li tafda lid-Direttur bit-tmexxija ta' investigazzjoni, interna fi ħdan id-Direttorat Ġenerali u li tirrigwarda l-fatti li r-rikorrenti kienu informawha bihom u, min-naħa l-oħra, li tiddifferixxi t-test tal-lingwa li għalih kellu jipparteċipa l-Kap tad-diviżjoni, l-Awtorità tal-Ħatra, fil-persuna tad-Direttur Ġenerali, laqgħet it-talba tar-rikorrenti, kif ifformulata f'din l-ittra u li taqa' taħt l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, minkejja li n-natura u l-portata ta' din l-investigazzjoni, interna fi ħdan id-Direttorat Ġenerali, ma kinitx ippreċiżata fl-ittra bi tweġiba tat-18 ta' Novembru 2013.

65 F'dan ir-rigward, peress li, fl-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lilha, l-amministrazzjoni tista', għal dan il-għan u billi tipprovdi l-mezzi loġistiċi u umani xierqa, tiddeċiedi li tafda t-tmexxija ta' tali investigazzjoni lill-ġerarkija tal-istituzzjoni, bħalma huwa direttur (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, CH vs Il-Parlament, F-132/14, EU:F:2015:115, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata), ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-Awtorità tal-Ħatra dwar il-fatt li d-Direttur Ġenerali fada lid-Direttur bit-tmexxija tal-investigazzjoni marbuta mas-senjalazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, magħmula mir-rikorrenti permezz tal-ittra tagħhom tal-11 ta' Novembru 2013.

66 Fir-rigward tar-riferiment tar-rikorrenti għall-eżistenza ta' dikjarazzjonijiet irreġistrati fil-fajls mediċi rispettivi tagħhom u f'nota stabbilita minn wieħed mill-uffiċjali mediċi tas-Servizzi Mediku, dan huwa ineffettiv.

67 Fil-fatt, fi ħdan kull istituzzjoni, huma biss il-professjonisti tas-saħħa li jifformaw is-Servizz Mediku, li huma suġġetti għar-regoli deontoloġiċi tal-professjoni ta' tabib, li huma awtorizzati jagħmlu djanjosi medika u jikkomunikaw lill-Awtorità tal-Ħatra l-informazzjoni li din tal-aħħar jista' jkollha bżonn sabiex teżerċita s-setgħat mogħtija lilha mir-Regolamenti tal-Persunal u mill-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (sentenza tal-10 ta' April 2019, AV vs Il-Kummissjoni, T-303/18 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2019:239, punt 109).

68 F'dan ir-rigward, ma jirriżultax li, fil-każ ineżami, is-Servizz Mediku informa, fuq l-inizjattiva tiegħu, lill-persuna mill-Parlament awtorizzata li tittratta talbiet għal assistenza f'isem l-Awtorità tal-Ħatra, jiġifieri d-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Persunal" jew, jekk ikun il-każ, is-Segretarju Ġenerali, bl-aġir tal-Kap tad-diviżjoni li seta' jaqa' taħt l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal. L-iktar l-iktar, mill-posta elettronika tal-11 ta' Jannar 2014 jirriżulta li wieħed mir-rikorrenti bagħat lill-konsulent tagħhom kopja ta' nota attribwita lis-Servizz Mediku filwaqt li indikat li anki d-Direttur kien irċieva kopja. Madankollu, dan tal-aħħar ma kienx il-persuna mill-Parlament awtorizzata li tittratta talbiet għal assistenza fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal.

69 F'dawn iċ-ċirkustanzi, qabel l-intervent tal-ittra tal-11 ta' Novembru 2013, l-Awtorità tal-Ħatra ma tistax tiġi kkritikata li injorat l-eżistenza u l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet ta' ċerti uffiċjali tad-diviżjoni magħmula matul is-sena 2013 lis-Servizz Mediku u li kienu ġew irreġistrati minn dan tal-aħħar f'nota prodotta mir-rikorrenti.

70 Fir-rigward tal-fatt li r-rikorrenti bagħtu lid-Direttur Ġenerali, flimkien mal-ittra tagħhom tal-11 ta' Novembru 2013, kopja tan-nota tas-Servizz Mediku li tiġbor fil-qosor id-dikjarazzjonijiet tagħhom magħmula lil dan is-servizz, għandu jiġi rrilevat, għal darba oħra, li, għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, id-Direttur Ġenerali kien ċertament, bħala superjur ġerarkiku tad-Direttur u tal-Kap tad-diviżjoni, il-persuna awtorizzata li jinforma lill-Awtorità tal-Ħatra. Madankollu, huwa ma kienx il-persuna awtorizzata li tittratta, f'isem l-Awtorità tal-Ħatra, talba għal assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal dwar fatti ta' fastidju psikoloġiku fis-sens tal-Artikolu 12a tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal.

71 Sussegwentement, indipendentement mill-fatt li ma huwiex ittimbrat mis-Servizz Mediku, id-dokument imsemmi mir-rikorrenti u prodott bħala l-Anness A.7 tar-rikors jikkonferma biss li dawn tal-aħħar kienu rċevew konsultazzjoni fil-kuntest tar-roster tas-Servizz Mediku tal-Parlament.

72 Dan espost, għandu jitfakkar li l-pariri tal-periti mediċi ma humiex ta' natura li jistabbilixxu, waħedhom, l-eżistenza, fid-dritt, ta' fastidju jew ta' nuqqas tal-istituzzjoni fir-rigward tad-dmir ta' assistenza tagħha (sentenzi tas-6 ta' Frar 2015, BQ vs Il-Qorti tal-Awdituri, T-7/14 P, EU:T:2015:79, punt 49; tas-17 ta' Settembru 2014, CQ vs Il-Parlament, F-12/13, EU:F:2014:214, punt 127, u tas-6 ta' Ottubru 2015, CH vs Il-Parlament, F-132/14, EU:F:2015:115, punt 92). B'mod partikolari, għalkemm l-uffiċjali mediċi tal-istituzzjoni jistgħu juru li l-uffiċjali jew l-aġenti għandu diffikultajiet mentali, madankollu dawn ma jistgħux jistabbilixxu li l-imsemmija problemi jirriżultaw minn fastidju psikoloġiku, peress li, sabiex jikkonkludu li hemm tali fastidju, l-awturi ta' tali dikjarazzjoni medika jibbażaw ruħhom neċessarjament u esklużivament fuq id-deskrizzjoni li l-partijiet ikkonċernati jkunu tawhom tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom fi ħdan l-istituzzjoni inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2018, HF vs Il-Parlament, T-218/17, taħt appell, EU:T:2018:393, punt 106; tat-2 ta' Diċembru 2008, K vs Il-Parlament, F-15/07, EU:F:2008:158, punt 41, u tas-17 ta' Settembru 2014, CQ vs Il-Parlament, F-12/13, EU:F:2014:214, punt 127), mingħajr tqabbil bejn din il-verżjoni tal-fatti u dik tal-persuna implikata, fl-aġir tagħha, mill-imsemmija uffiċjali jew aġenti.

73 Ċertament, ma huwiex eskluż li, f'ċerti ċirkustanzi, kap ta' dipartiment jew is-Servizz Mediku ta' istituzzjoni jkunu jistgħu javviċinaw lill-Awtorità tal-Ħatra dwar l-eżistenza ta' każ potenzjali ta' ksur ċar jew evidenti tal-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal u li dan ikun jista' jwassal lill-Awtorità tal-Ħatra sabiex tiftaħ *ex officio* investigazzjoni amministrattiva mingħajr ma jkun hemm talba għal assistenza, akkumpanjata minn prova *prima facie*, imressqa mill-allegata vittma.

74 Madankollu, fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, sa fejn ir-rikorrenti naqsu, dak iż-żmien, milli jressqu formalment talba għal assistenza fis-sens tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal quddiem il-persuna jew il-persuni awtorizzati sabiex jittrattaw it-talbiet għal assistenza fi ħdan il-Parlament, huma, li kellhom l-intenzjoni li jillimitaw ruħhom għal senjalazzjoni skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal mingħajr ma jinvokaw ksur tal-Artikolu 12a tal-imsemmija Regolamenti

tal-Persunal, ma jistgħux jikkritikaw lill-Awtorità tal-Ħatra talli ma fetħitx spontanjament, sa mis-sena 2013, investigazzjoni amministrattiva dwar il-fatti ta' fastidju psikoloġiku, u lanqas talli, f'dan l-istess żmien, ma adottatx miżuri ta' tneħħija kontra l-Kap tad-diviżjoni.

75 Għalhekk għandu jiġi konkluż li fil-każ ineżami l-Awtorità tal-Ħatra la kisret l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, la d-dmir tagħha ta' premura u lanqas il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba billi ma adottatx, sa mill-2013, miżuri ta' assistenza favur ir-rikorrenti sabiex tirrimedja għas-sitwazzjoni fil-forma kif setgħet kienet magħrufa minnha f'dak iż-żmien.

76 Fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li skontha d-Direttur mexxa l-investigazzjoni amministrattiva, interna għad-Direttorat Ġenerali u miftuħa b'reazzjoni għas-senjalazzjoni tagħhom, b'mod parzjali billi bdiha b'intervisti ma' tliet persuni li kellhom il-fiduċja tal-Kap tad-diviżjoni u li setgħu jiġu influwenzati iktar faċilment, sabiex jikkonvinċihom li dan kien komplott tar-rikorrenti, għandu jiġi kkonstatat li din la hija ssostanzjata u lanqas ma hija pprovata u li, għaldaqstant, għandha titqies bħala spekulattiva.

77 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li l-entità fdata b'investigazzjoni amministrattiva, li għandha l-obbligu li tinvestiga b'mod proporzjonat il-fajls li jinġabu quddiemha, għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward ta' kif titmexxa l-investigazzjoni u, b'mod partikolari, l-evalwazzjoni tal-kwalità u tal-utilità tal-kooperazzjoni mogħtija minn xhieda (sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2018, HF vs Il-Parlament, T-218/17, taħt appell, EU:T:2018:393, punt 97, u tal-11 ta' Lulju 2013, Tzirani vs Il-Kummissjoni, F-46/11, EU:F:2013:115, punt 124). Issa, l-għażla tal-persuni mismugħa mid-Direttur kif ukoll id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali li jafda din l-investigazzjoni interna fi ħdan id-Direttorat Ġenerali lill-imsemmi Direttur f'Novembru 2013 kienu jaqgħu taħt is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-Awtorità tal-Ħatra f'dan il-qasam u, dwar dan il-punt, ir-rikorrenti baqgħu ma wrewx li l-Awtorità tal-Ħatra f'dan ir-rigward qabżet il-limiti tas-setgħa tagħha.

78 Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti lanqas ma taw prova tal-allegazzjoni tagħhom li skontha d-Direttur ma kienx "żgura ż-żamma tal-investigazzjoni li [kienet] fdat[lu l-Awtorità tal-Ħatra]" fl-2013.

79 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, it-talbiet għal kumpens għandhom jiġu miċħuda sa fejn dawn jirrigwardaw l-aġir tal-Awtorità tal-Ħatra qabel il-preżentazzjoni tat-talba għal assistenza.

2) Fuq il-miżuri adottati mill-Awtorità tal-Ħatra wara l-preżentazzjoni tat-talba għal assistenza

80 Fir-rigward tal-aġir tal-Awtorità tal-Ħatra wara l-preżentazzjoni tat-talba għal assistenza, jiġifieri fl-24 ta' Jannar 2014, għandu jitfakkar li, meta l-Awtorità tal-Ħatra jew, skont il-każijiet, l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ tiġi adita, abbażi tal-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, b'talba għal assistenza fis-sens tal-Artikolu 24 tal-imsemmija regolamenti tal-persunal, hija għandha, abbażi tal-obbligu ta' assistenza u jekk din l-awtorità tkun affaċċjata b'inċident inkompatibbli mal-ordni u mas-serenità tas-servizz, tintervjeni bl-enerġija kollha neċessarja u tirrispondi bil-ħeffa u bil-premura meħtieġa miċ-ċirkustanzi tal-każ bil-għan li tistabbilixxi l-fatti u li minnhom tislet, b'għarfien tal-fatti, il-konsegwenzi xierqa. Għal dan il-għan, huwa biżżejjed li l-uffiċjal jew l-aġent li jitlob il-protezzjoni tal-istituzzjoni tiegħu jipproduċi prova *prima facie* tar-realtà tal-attakki li huwa jiddikjara li jkun qiegħed iġarrab. Fil-preżenza ta' tali provi, hija l-istituzzjoni inkwistjoni li għandha tieħu l-miżuri xierqa, b'mod partikolari billi ssir investigazzjoni amministrattiva, sabiex jiġu stabbiliti l-fatti li jkunu wasslu għall-ilment, b'kollaborazzjoni mal-persuna li tkun ressqet dan l-ilment (sentenzi tas-26 ta' Jannar 1989, Koutchoumoff vs Il-Kummissjoni, 224/87, EU:C:1989:38, punti 15 u 16, u tal-25 ta' Ottubru 2007, Lo Giudice vs Il-Kummissjoni, T-154/05, EU:T:2007:322, punt 136; ara wkoll, is-sentenza tal-24 ta' April 2017, HF vs Il-Parlament, T-570/16, EU:T:2017:283, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata) u, fid-dawl tar-riżultati tal-investigazzjoni, li għandha tadotta l-miżuri neċessarji, bħalma huma, kif sar fil-każ ineżami, il-ftuħ ta' proċedura dixxiplinari kontra l-persuna implikata meta l-amministrazzjoni tikkonkludi, fi tmiem l-investigazzjoni amministrattiva, li kien hemm fastidju psikoloġiku.

81 Fil-preżenza ta' allegazzjonijiet ta' fastidju, l-obbligu ta' assistenza jinkludi, b'mod partikolari, id-dmir għall-amministrazzjoni li teżamina serjament, b'ħeffa u bil-kunfidenzjalità kollha, it-talba għal assistenza li fiha jiġi allegat fastidju u li tinforma lill-persuna li tagħmel din it-talba bis-segwitu mogħti lilha (sentenzi tal-24 ta' April 2017, HF vs Il-Parlament, T-570/16, EU:T:2017:283 punt 47, u tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 98).

82 F'dak li jirrigwarda l-miżuri li għandhom jittieħdu f'sitwazzjoni li, bħal f'dan il-każ, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-amministrazzjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa, suġġetta għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, fl-għażla tal-miżuri u tal-mezzi ta' applikazzjoni tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal (ara s-sentenzi tal-24 ta' April 2017, HF vs Il-Parlament, T-570/16, EU:T:2017:283, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 99 u l-ġurisprudenza ċċitata), anki jekk, fir-rigward tal-kwistjoni jekk fatti jikkostitwixxux jew le fastidju psikoloġiku jew sesswali, konstatazzjoni li hija tista' twettaq biss fi tmiem investigazzjoni amministrattiva, hija ma għandhiex setgħa diskrezzjonali wiesgħa (sentenzi tad-29 ta' Ġunju 2018, HF vs Il-Parlament, T-218/17, taħt appell, EU:T:2018:393, punt 123; tat-13 ta' Lulju 2018, SQ vs BEI, T-377/17, EU:T:2018:478, punt 99, u tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 75).

83 Fil-każ ineżami, il-Parlament ma jikkontestax il-fatt li t-talba għal assistenza kienet akkumpanjata minn prova *prima facie* suffiċjenti insostenn tal-allegazzjonijiet ta' fastidju psikoloġiku u sesswali li kien fiha.

84 Issa, meta l-persuna li tagħmel it-talba għal assistenza tipprovdi prova *prima facie* suffiċjenti tal-allegazzjonijiet tagħha, minn naħa, l-amministrazzjoni hija obbligata li tiftaħ investigazzjoni amministrattiva sabiex tiċċara l-fatti u tkun tista' tadotta sussegwentement, jekk ikun il-każ, il-miżuri ta' assistenza xierqa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, CH vs Il-Parlament, F-132/14, EU:F:2015:115, punt 94), mingħajr ma jkollha, f'dan ir-rigward, setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-opportunità li tiftaħ u tmexxi l-imsemmija investigazzjoni amministrattiva u, min-naħa l-oħra, l-investigazzjoni għandha tinbeda mingħajr dewmien sabiex tkun tista', eventwalment, terġa' tistabbilixxi kundizzjonijiet tax-xogħol konformi mal-interess tas-servizz.

85 Għalkemm, fil-każ ineżami, l-Awtorità tal-Ħatra ċertament fetħet l-investigazzjoni amministrattiva b'reazzjoni għat-talba għal assistenza, hija madankollu għamlet dan biss fid-19 ta' Marzu 2014 u informat lir-rikorrenti b'dan biss f'April 2014, jiġifieri kważi tliet xhur wara l-preżentazzjoni ta' din it-talba. Għandu jiġi kkonstatat li, minħabba dan, l-Awtorità tal-Ħatra kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, filwaqt li esponiet lir-rikorrenti għal inċertezza fir-rigward tas-segwitu mogħti lit-talba tagħhom.

86 Fir-rigward tal-laqgħa tad-29 ta' Jannar 2014, ir-rikorrenti, fid-dawl b'mod partikolari tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa rrikonoxxuta lill-Awtorità tal-Ħatra fl-organizzazzjoni tad-dipartimenti tagħha, għadhom ma wrewx kif il-preżenza tad-Direttur u ta' konsulent ġuridiku assenjat mad-Direttur Ġenerali kisret dispożizzjoni applikabbli tar-Regolamenti tal-Persunal. B'mod partikolari, għandu jitfakkar li, fit-talba għal assistenza, l-unika persuna implikata formalment u direttament kienet il-Kap tad-diviżjoni. Għalhekk, fl-assenza ta' allegazzjonijiet li jikkonċernaw lil persuni oħra u minkejja li r-rikorrenti setgħu suġġettivament iqisu li d-Direttur kien solidari mal-Kap tad-diviżjoni u li huwa ma kienx tahom, matul is-sena 2013, l-assistenza li kienet dovuta lilhom skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, l-Awtorità tal-Ħatra bl-ebda mod ma kisret din id-dispożizzjoni billi pprevediet il-preżenza tad-Direttur u tal-imsemmi konsulent ġuridiku għal-laqgħa tad-29 ta' Jannar 2014.

87 Fir-rigward tar-rimarki li d-Direttur għadda matul din il-laqgħa tad-29 ta' Jannar 2014, għandu jiġi nnotat li huwa kien is-superjur ġerarkiku tal-Kap tad-diviżjoni implikat fit-talba għal assistenza, li huwa nnifsu ma kienx, f'dan l-istadju, implikat formalment u direttament minn din it-talba għal

assistenza u li kien lilu li r-rikorrenti indirizzaw fl-ewwel lok matul is-sena 2013 u mhux lill-Awtorità tal-Ħatra fil-persuna tad-Direttur Ġenerali tad-DĠ "Persunal" jew, jekk ikun il-każ, tas-Segretarju Ġenerali.

88 F'dawn il-kundizzjonijiet, l-Awtorità tal-Ħatra setgħet tiddeċiedi li tinforma lid-Direttur bl-eżistenza tat-talba għal assistenza, inkluż sabiex huwa jgħinha fit-trattament ta' din it-talba. Fil-fatt, għalkemm huwa ċertament preferibbli, bħala prinċipju, għal raġunijiet ta' protezzjoni kemm tal-allegata vittma kif ukoll tal-integrità professjonali tal-persuna allegatament responsabbli għall-fastidju li, bħala l-ewwel pass, l-Awtorità tal-Ħatra ma tinformax lil din tal-aħħar, u lanqas lil terzi oħra, bil-preżentazzjoni ta' talba għal assistenza, dan ma jikkonċernax lill-persuni li jokkupaw pożizzjonijiet ġerarkikament superjuri għal dawk tal-persuna allegatament responsabbli għall-fastidju u tal-allegata vittma. L-iktar ħaġa essenzjali, f'dan ir-rigward, huwa li l-iżvelar tal-eżistenza tat-talba għal assistenza ma jippreġudikax l-effikaċja tal-investigazzjoni (sentenza tad-29 ta' Ġunju 2018, HF vs Il-Parlament, T-218/17, taħt appell, EU:T:2018:393, punt 165).

89 Fir-rigward tal-allegata eżitazzjoni tal-Awtorità tal-Ħatra sabiex teżonera lill-Kap tad-diviżjoni mill-funzjonijiet tiegħu billi tassenjah mill-ġdid għal xogħol li ma jippermettilux li jibqa' f'kuntatt mar-rikorrenti, għandu jitqies li, fid-dawl tal-gravità tal-fatti allegati fil-każ ineżami, b'mod partikolari tal-allegazzjonijiet ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol ta' wieħed mill-membri tad-diviżjoni, kif ukoll tal-kredibbiltà tal-provi prodotti mir-rikorrenti, li kienu jammontaw, barra minn hekk, għal kważi d-diviżjoni kollha, l-Awtorità tal-Ħatra kienet obbligata, abbażi tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, tadotta miżura ta' tneħħija sħiħa tal-Kap tad-diviżjoni. Madankollu, bħalma afferma l-Parlament, fl-adozzjoni ta' tali miżura, l-Awtorità tal-Ħatra tibqa' marbuta li tirrispetta d-drittijiet tal-persuna implikata, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża u l-preżunzjoni tal-innoċenza, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li hija biss it-tmexxija tal-investigazzjoni amministrattiva sa tmiemha li tista' tippermetti l-adozzjoni ta' miżuri ta' assistenza definittivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' April 2017, HF vs Il-Parlament, T-570/16, EU:T:2017:283, punt 57).

90 Fil-każ ineżami, għalkemm l-Awtorità tal-Ħatra effettivament assenjat mill-ġdid lill-Kap tad-diviżjoni għal xogħol ieħor u ħatret kap ta' diviżjoni ieħor għat-tmexxija tad-diviżjoni kif ukoll għall-evalwazzjoni tar-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' evalwazzjoni 2014, għandu jiġi kkonstatat li, bħalma jirrikonoxxi l-Parlament stess, il-Kap tad-diviżjoni, effettivament, kompla jkollu rwol residwu fix-xogħlijiet tad-diviżjoni, b'mod partikolari fil-ġestjoni tal-leave u tat-taħriġ kif ukoll fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2014, minkejja li, konformement mal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Kap tad-diviżjoni kellu jinżamm kompletament 'il bogħod mill-ġestjoni ta' din id-diviżjoni matul il-perijodu kollu tal-investigazzjoni amministrattiva. Bl-istess mod, minkejja li, fl-istennija tar-riżultati tal-investigazzjoni amministrattiva, il-Kap tad-diviżjoni ma setax, fuq il-bażi biss tal-allegazzjonijiet tar-rikorrenti, ikun is-suġġett ta' sanzjoni dixxiplinari jew ta' kwalunkwe miżura amministrattiva ekwivalenti oħra, jidher manifestament mhux xieraq li l-Kap tad-diviżjoni kien ġie assenjat, matul il-perijodu kollu tal-investigazzjoni amministrattiva u tal-proċedura dixxiplinari sussegwenti, funzjonijiet, [*kunfidenzjali*], li kienu jinvolvu li huwa jkun jista' jitħallat ta' kuljum mar-rikorrenti li kienu jifformaw il-maġġoranza tad-diviżjoni u, jekk ikun il-każ, jintimidahom jew jheddidhom.

91 Minħabba dan, il-ksur mill-Awtorità tal-Ħatra tal-obbligu impost fuqha mill-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal li tbiegħed effettivament lill-Kap tad-diviżjoni mill-membri l-oħra ta' din id-diviżjoni kellu l-effett li ma jerġax jistabbilixxi bis-sħiħ kundizzjonijiet tax-xogħol li josservaw id-dinjità tar-rikorrenti fis-sens tal-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

92 Fir-rigward tal-aġir tad-Direttur, ipperċepit mir-rikorrenti bħala li kien partiġġjan u favur il-Kap tad-diviżjoni, jidher li, bl-eċċezzjoni ta' A, ir-rikorrenti ma kellhomx l-intenzjoni li jattribwixxu lid-Direttur atti li jaqgħu taħt l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal u ma ressqux talba għal assistenza sabiex l-Awtorità tal-Ħatra tipproteġihom mill-aġir tad-Direttur li huma qegħdin issa jikkritikaw fil-kuntest ta' dan ir-rikors.

93 Fir-rigward ta' A, jidher li, minbarra t-talba li tikkonċerna lill-Kap tad-diviżjoni, fit-23 ta' Jannar 2015, huwa ressaq talba quddiem l-Awtorità tal-Ħatra sabiex id-Direttur ma jibqax responsabbli mill-evalwazzjoni tiegħu. F'din it-talba, il-parti kkonċernata qieset li, għal erba' snin, huwa kien is-suġġett ta' abbuż ta' poter u ta' fastidju psikoloġiku mid-Direttur li kellhom konsegwenzi fuq is-saħħa tiegħu. Din it-talba, ikklassifikata mill-Awtorità tal-Ħatra bħala talba għal assistenza, ġiet miċħuda permezz ta' deċiżjoni tagħha meħuda fis-16 ta' Frar 2015, minħabba li s-Segretarju Ġenerali ħatar lid-Direttur bħala evalwatur tal-appell fil-kuntest tal-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 għall-persunal kollu tad-diviżjoni, u dan qabel ma ġiet imressqa din it-talba għal assistenza.

94 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li A la ppreżenta lment kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tiegħu għal assistenza li ssemmi lid-Direttur u lanqas ma ppreżenta rikors abbażi tal-Artikolu 270 TFUE. Barra minn hekk, l-Awtorità tal-Ħatra ma tistax tiġi kkritikata tali ma adottatx, qabel it-23 ta' Jannar 2015, data tal-preżentazzjoni tat-talba għal assistenza ta' A, miżuri fir-rigward tad-Direttur, peress li hija ma kinitx konxja, qabel din id-data, li huwa kien ikkritikat li ma jġibx ruħu konformement mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal. Issa, l-aġir ikkritikat tad-Direttur fir-rikors kien preċedenti għall-imsemmija talba tat-23 ta' Jannar 2015.

95 Għalhekk, it-talbiet għad-danni tar-rikorrenti fir-rigward tal-allegat nuqqas tal-Awtorità tal-Ħatra li tadotta miżuri ta' assistenza sabiex tirrimedja għall-aġir tad-Direttur għandhom jiġu miċħuda.

96 Fir-rigward tal-allegati rimarki negattivi li jinsabu fir-rapporti ta' evalwazzjoni ta' xi wħud mir-rikorrenti stabbiliti fi tmiem il-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 li tmexxiet mid-Direttur, il-Parlament irrikonoxxa li l-kummenti li ma kinux ibbażati fuq provi materjali verifikabbli kienu tħassru. Dan l-approċċ salutari tal-Awtorità tal-Ħatra li wassal sabiex ir-rapporti kkonċernati jiġu kkoreġuti minn direttur ieħor tal-istess DĠ jikkonferma madankollu li d-Direttur effettivament seta' jintervjeni b'mod negattiv u ppreġudikat fil-proċess ta' evalwazzjoni ta' xi wħud mir-rikorrenti, inkluż billi jsemmi t-talba għal assistenza matul l-intervisti relatati mal-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 u billi żvela li huwa kien ikkonsulta lill-Kap tad-diviżjoni dwar l-evalwazzjoni.

97 Ċertament, billi kkorreġiet ir-rapporti ta' evalwazzjoni kkonċernati, l-Awtorità tal-Ħatra setgħet tistabbilixxi mill-ġdid l-oġġettività tal-proċedura ta' evalwazzjoni 2014. Madankollu, f'kuntest fejn talba għal assistenza kienet fil-proċess li tiġi ttrattata, dan l-element jistabbilixxi l-eżistenza ta' illegalità fit-tmexxija tal-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 li tiġġustifika li l-Awtorità tal-Ħatra tiġi kkundannata tikkumpensa d-danni morali tar-rikorrenti f'dan ir-rigward.

98 Dan espost, sa fejn ir-rikorrenti, b'mod partikolari A, għandhom l-intenzjoni li jiksbu kumpens għad-dannu morali kkawżat lilhom mill-"malafami, l-indħil u l-kummenti ta' ħsara" tad-Direttur u mill-aġir "repetittiv u sistematiku" tiegħu, għandu jiġi kkonstatat li din it-talba għal kumpens ma tistax tirnexxi.

99 Fil-fatt, minn naħa, li kieku kellu jitqies li huma għandhom l-intenzjoni li jiksbu l-kumpens għad-danni kkawżati lilhom mill-aġir tad-Direttur li huma jqisu li jmur kontra l-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, huma għandhom, bħal fil-każ tad-danni morali allegatament imġarrba minħabba l-aġir tal-Kap tad-diviżjoni, jiftħu kawża quddiem il-qorti nazzjonali li fil-kuntest tagħha, jekk ikun il-każ, huma jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-Awtorità tal-Ħatra skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punti 111 sa 113). Min-naħa l-oħra u fi kwalunkwe każ, l-aġir invokat, fid-dawl tal-provi prodotti f'dan l-istadju quddiem il-Qorti Ġenerali, jammonta essenzjalment f'ġestjoni insensittiva ta' sitwazzjoni kunflittwali fi ħdan id-diviżjoni (ara, fir-rigward ta' każ ta' ġestjoni insensittiva fl-istess direttorat amministrattiv, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2014, CQ vs Il-Parlament, F-12/13, EU:F:2014:214, punt 128, u tas-26 ta' Marzu 2015, CW vs Il-Parlament, F-124/13, EU:F:2015:23, punt 117, mhux annullata dwar dan il-punt mis-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2016, CW vs Il-Parlament, T-309/15 P, mhux ippubblikata, EU:T:2016:632).

100 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż, minn naħa, li, fid-dawl tal-obbligu ta' assistenza impost fuqha mill-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal u mill-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Awtorità tal-Ħatra naqset milli tadotta miżuri ta' natura li jbiegħdu effettivament lill-Kap tad-diviżjoni mir-rikorrenti u li tiżgura tmexxija imparzjali tal-proċedura ta' evalwazzjoni 2014 u, min-naħa l-oħra, li dan in-nuqqas jiġġustifika l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Parlament.

d) Fuq it-talbiet għad-danni sa fejn dawn jirrigwardaw it-tul tal-proċeduri

101 Fir-rigward tal-allegazzjonijiet relatati man-natura mhux raġonevoli tat-tul tal-proċedura ta' investigazzjoni amministrattiva, għandu jitfakkar li, sa fejn ir-Regolamenti tal-Persunal ma jipprevedux dispożizzjoni speċifika dwar it-terminu li fih l-amministrazzjoni għandha tmexxi investigazzjoni amministrattiva, b'mod partikolari fil-qasam tal-fastidju psikoloġiku, l-Awtorità tal-Ħatra għandha, f'dan il-qasam, tosserva l-prinċipju ta' tul raġonevoli. F'dan ir-rigward, l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu tal-Unjoni kkonċernat għandu, fit-tmexxija tal-investigazzjoni amministrattiva, jiżgura li kull att adottat isir f'terminu raġonevoli fil-konfront ta' dak preċedenti (ara s-sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata).

102 Dwar dan il-punt, in-natura raġonevoli jew le tat-tul ta' proċedura amministrattiva tiġi evalwata skont dak li hemm inkwistjoni fit-tilwima għall-parti kkonċernata, skont il-kumplessità tal-kawża u skont l-aġir tal-partijiet preżenti (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2016, HI vs Il-Kummissjoni, F-133/15, EU:F:2016:127, punti 109 u 113 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-każ tal-allegazzjonijiet dwar fastidju psikoloġiku, li huwa pprojbit mill-Artikolu 12a tar-Regolamenti tal-Persunal, din l-evalwazzjoni għandha ssir mill-mument li fiha l-amministrazzjoni jkollha għarfien suffiċjenti tal-fatti u tal-aġir li jista' jikkostitwixxi ksur tal-obbligi tar-Regolamenti tal-Persunal ta' uffiċjali jew aġent wieħed jew iktar implikati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' April 2019, AV vs Il-Kummissjoni, T-303/18 RENV, mhux ippubblikata, EU:T:2019:239, punt 82 u l-ġurisprudenza ċċitata).

103 Għandu jiġi ppreċiżat ukoll li l-amministrazzjoni ma għandhiex setgħa diskrezzjonali wiesgħa fid-definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi terminu raġonevoli, inqas u inqas f'każijiet allegati ta' fastidju psikoloġiku li għalihom, minn naħa, konformement mal-ġurisprudenza (sentenza tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punti 101 u 102), l-amministrazzjoni hija obbligata li taġixxi bil-ħeffa kollha meħtieġa, b'mod partikolari bil-għan li tmexxi sa tmiemha l-investigazzjoni amministrattiva u, min-naħa l-oħra, il-leġiżlatur tal-Unjoni naqas milli jimponi fuq l-amministrazzjonijiet li japplikaw ir-Regolamenti tal-Persunal terminu applikabbli għall-proċeduri ta' trattament tat-talbiet għal assistenza u għal senjalazzjonijiet magħmula abbażi, rispettivament, tal-Artikolu 24 u tal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, moqrija flimkien mal-Artikolu 12a tal-istess Regolamenti tal-Persunal.

104 Fil-każ ineżami, għandu jiġi rrilevat li l-investigazzjoni amministrattiva nfetħet biss kważi xahrejn wara l-preżentazzjoni tat-talba għal assistenza, minkejja li l-Awtorità tal-Ħatra ma kkontestatx ir-realtà tal-prova *prima facie* tal-allegazzjonijiet ta' fastidju psikoloġiku u sesswali li kienu jinsabu fl-imsemmija talba. Sussegwentement, għalkemm is-smigħ tal-persuni li għamlu t-talba għal assistenza u tal-Kap tad-diviżjoni bdew mill-15 ta' April 2014, mit-tweġibiet tal-Parlament għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali jirriżulta li r-rapporti tal-investigazzjoni ġew stabbiliti biss fit-3 ta' Marzu u fis-17 ta' Novembru 2015 mill-investigaturi maħtura mill-Awtorità tal-Ħatra filwaqt li, fis-6 ta' Jannar 2016, l-Awtorità tal-Ħatra adixxiet lill-Bord Dixxiplinari bil-każ tal-Kap tad-diviżjoni.

105 Għalhekk, l-Awtorità tal-Ħatra ħadet kważi sentejn biex tittratta t-talba għal assistenza, u dan, f'każ li kien jaffettwa kważi lid-diviżjoni sħiħa, jikkostitwixxi tul taż-żmien mhux raġonevoli.

106 F'dan ir-rigward, il-Parlament ma jistax jinħeba wara l-fatt li l-investigazzjoni amministrattiva kienet tinvolvi numru sinjifikattiv ta' persuni, minkejja li dawn il-persuni kollha kellhom funzjonijiet fl-istess diviżjoni u kienu, f'dan ir-rigward, disponibbli (ara, għall-kuntrarju, fir-rigward tas-smigħ ta' xhieda li jinsabu f'diversi Stati Membri u saħansitra fi Stat terz u li jiġġustifika proċedura itwal, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2016, HI vs Il-Kummissjoni, F-133/15, EU:F:2016:127, punt 115), iktar u iktar meta dawn kienu qegħdin jistennew it-tmexxija sa tmiemha tal-investigazzjoni amministrattiva. Bl-istess mod, in-neċessità li l-Awtorità tal-Ħatra tipproteġi d-drittijiet tad-difiża tal-persuna implikata fit-talba għal assistenza ma tistax tiġġustifika tali tul, peress li dawn id-drittijiet huma stabbiliti b'mod ċar kemm fl-Artikoli 41 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll, b'mod partikolari, fl-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal u fl-Anness IX tagħhom.

107 Bħalma jenfasizzaw ir-rikorrenti, il-ksur tat-terminu raġonevoli huwa iktar u iktar dannuż fil-każ ineżami minħabba li dan espona kemm lir-rikorrenti kif ukoll lill-Kap tad-diviżjoni għal sitwazzjoni insodisfaċenti fuq perijodu twil. Issa, l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal jeżiġi li l-Awtorità tal-Ħatra taġixxi bl-ikbar ħeffa possibbli fit-tmexxija tal-investigazzjoni amministrattiva, peress li, minn naħa, ir-rikonoxximent eventwali mill-Awtorità tal-Ħatra fi tmiem l-investigazzjoni amministrattiva, tal-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku jista' fih innifsu jkollu effett benefiku fil-proċess ta' rkupru terapewtiku tal-vittmi u jista' barra minn hekk jintuża minnhom għall-finijiet ta' eventwali azzjoni ġudizzjarja nazzjonali u, min-naħa l-oħra, it-tmexxija sa tmiemha ta' investigazzjoni amministrattiva tista', għall-kuntrarju, tinvalida l-allegazzjonijiet tal-allegata vittma, biex b'hekk tkun tista' tissewwa l-ħsara li tali akkuża, finalment infondata, setgħet tikkawża lill-persuna indikata inġustament bħala dik li allegatament tat fastidju fi proċedura ta' investigazzjoni (sentenzi tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 59, u tas-6 ta' Ottubru 2015, CH vs Il-Parlament, F-132/14, EU:F:2015:115, punti 95, 123 u 124).

108 Barra minn hekk, għandu jitqies li l-Awtorità tal-Ħatra naqset mill-obbligu tagħha, skont id-dmir tagħha ta' assistenza (sentenzi tal-24 ta' April 2017, HF vs Il-Parlament, T-570/16, EU:T:2017:283, punt 47, u tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 98), li tinforma fi żmien xieraq lill-persuni li ressqu t-talba bis-segwitu mogħti lit-talba tagħhom għal assistenza. Fil-fatt, filwaqt li l-Kap tad-diviżjoni kien ġie informat mid-19 ta' Marzu 2014 bil-ftuħ tal-investigazzjoni amministrattiva, ir-rikorrenti ġew informati biss kważi xahar iktar tard. Bl-istess mod, jidher li r-rikorrenti la ġew informati uffiċjalment bid-data li fiha nfetħet il-proċedura dixxiplinari kontra l-Kap tad-diviżjoni u lanqas bin-natura u bil-gravità tas-sanzjoni li ġiet imposta fuq dan tal-aħħar, minkejja li din l-informazzjoni kellha tiġi pprovduta lilhom bħala parti mit-trattament tat-talba għal assistenza.

109 Bl-istess mod, ir-rikorrenti ma rċevewx kopja, jekk ikun il-każ f'verżjoni mhux kunfidenzjali, tar-rapporti stabbiliti fi tmiem l-investigazzjoni amministrattiva, minkejja li din it-trażmissjoni kienet neċessarja fid-dawl tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dmir ta' assistenza, li jimplika li l-Awtorità tal-Ħatra tinforma lill-partijiet ikkonċernati bl-eżitu tat-talba tagħhom għal assistenza, iktar u iktar f'każ, bħal dak inkwistjoni, li fih ir-rikonoxximent mill-Awtorità tal-Ħatra, fir-rapport stabbilit fi tmiem l-investigazzjoni amministrattiva, tal-eżistenza ta' fastidju psikoloġiku jista' fih innifsu jkollu effett benefiku fil-proċess ta' rkupru terapewtiku tal-vittmi u jista' barra minn hekk jintuża minnhom għall-finijiet ta' eventwali azzjoni ġudizzjarja nazzjonali (sentenzi tat-13 ta' Lulju 2018, Curto vs Il-Parlament, T-275/17, EU:T:2018:479, punt 59, u tas-6 ta' Ottubru 2015, CH vs Il-Parlament, F-132/14, EU:F:2015:115, punti 95, 123 u 124).

110 Dan espost, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkritikaw lill-Awtorità tal-Ħatra talli ma mexxietx bil-ħeffa suffiċjenti l-proċedura dixxiplinari mibdija kontra l-Kap tad-diviżjoni. Fil-fatt, din il-proċedura kienet konformi mar-regoli rispettivi tagħha u, b'mod partikolari, mat-termini previsti b'mod strett fl-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal għal kull wieħed mill-istadji li tinvolvi l-imsemmija proċedura dixxiplinari u li, fi kwalunkwe każ, ma jidhrux li nkisru. Fil-fatt, fil-każ ineżami, din il-proċedura, miftuħa fis-6 ta' Jannar 2016 bir-riferiment lill-Bord Dixxiplinari, damet ftit iktar minn

sena sal-adozzjoni, fis-27 ta' Frar 2017, tad-deċiżjoni finali tal-Awtorità tal-Ħatra msemmija fl-Artikolu 22 tal-Anness IX tar-Regolamenti tal-Persunal, u dan ma jidhirx li jikkostitwixxi tul taż-żmien mhux raġonevoli fid-dawl tal-kumplessità tal-każ inkwistjoni.

111 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, fit-trattament esklużivament tat-talba għal assistenza, l-Awtorità tal-Ħatra kisret kemm l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll il-prinċipju ta' tul raġonevoli, u dan jiġġustifika l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Parlament fil-konfront tar-rikorrenti.

2. Fuq id-dannu u r-rabta kawżali

112 Fid-dawl tal-fatti kollha tal-każ inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali tqis li r-rikorrenti effettivament ġarrbu danni morali li rriżultaw mill-mod kif l-Awtorità tal-Ħatra ttrattat it-talba tagħhom għal assistenza fir-rigward kemm tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll tal-prinċipju ta' tul raġonevoli u anki bil-mod kif hija, fil-kuntest tat-trattament tat-talba għal assistenza, mexxiet il-proċedura ta' evalwazzjoni 2014.

113 Madankollu, fir-rigward tal-allegat dannu relatat mar-riżenja ta' wieħed mill-uffiċjali tad-diviżjoni, li kienet ir-riżultat tal-eżasperazzjoni tiegħu fir-rigward tat-tul tal-proċedura amministrattiva, għandu jiġi kkonstatat, minn naħa, li l-imsemmi uffiċjal ma huwiex rikorrent f'din il-kawża u, min-naħa l-oħra, li huwa ċertament irrefera, fl-ittra tiegħu ta' riżenja, għall-motivi invokati fit-talba għal assistenza, iżda li sussegwentement huwa indika li kien qiegħed jirriżenja biex jaċċetta impjieg fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu, u dan kien jippermettilu jerġa' jingħaqad ma' martu li kellha tqala b'riskji kbar li kienet teħtieġ, għall-futur, il-preżenza permanenti tiegħu viċin tagħha.

114 Fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tad-danni morali li jistgħu jiġu invokati mir-rikorrenti, bil-kontra ta' dak li jsostnu dawn tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali ma tistax tinjora l-fatt, enfasizzat mill-Parlament, li din l-istituzzjoni aċċettat li tassumi mhux biss l-ispejjeż ġudizzjarji esposti fil-kuntest tal-kawża preċedenti quddiem il-Qorti Ġenerali li wasslet għad-digriet tas-17 ta' Lulju 2017, DQ *et* vs Il-Parlament (T-38/17, mhux ippubblikat, EU:T:2017:557), iżda wkoll u fuq kollox, minn naħa, l-ispejjeż ta' rappreżentanza tar-rikorrenti fil-kuntest tar-rikors li huma ppreżentaw kontra l-Parlament quddiem qorti Belġjana u, min-naħa l-oħra, l-ispejjeż kollha tal-konsulent tar-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' trattament tat-talba għal assistenza.

115 Fil-fatt, fir-rigward tal-ispejjeż ta' rappreżentanza quddiem il-qorti Belġjana, dawn ma jaqgħux taħt id-dmir ta' assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, peress li r-rikorrenti ma fetħux kawża kontra l-Kap tad-diviżjoni, iżda kontra l-Parlament. Fir-rigward tal-ispejjeż relatati mat-talba għal assistenza, għandu jitfakkar li, fl-assenza ta' obbligu ta' rappreżentazzjoni minn avukat fil-kuntest tal-proċedura prekontenzjuża, dawn l-aħħar spejjeż bħala prinċipju la setgħu jitqiesu bħala spejjeż li jistgħu jinġabru u lanqas jiġu mitluba fil-kuntest ta' dan ir-rikors għad-danni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2008, Nardone vs Il-Kummissjoni, T-57/99, EU:T:2008:555, punti 139 u 140).

116 Fid-dawl tal-premura li kkaratterizzat l-inizjattiva finanzjarju *ex gratia* tal-Parlament, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni l-provi kollha prodotti mir-rikorrenti u li jistgħu jitqiesu bħala illegalitajiet attribwibbli lill-Awtorità tal-Ħatra li kkawżawlhom danni morali, tqis, minn naħa, li ssir evalwazzjoni ġusta ta' dawn id-danni morali billi tistabbilixxihom, *ex æquo et bono*, għas-somma totali ta' EUR 36 000 li għandu jinqasam bejn ir-rikorrenti kollha u, min-naħa l-oħra, li hemm lok li l-kumplament tat-talbiet għad-danni jiġu miċħuda.

C. Fuq it-talbiet dwar il-kundanna tal-Parlament għall-ħlas ta' interessi moratorji u kumpensatorji

117 Ir-rikorrenti jitolbu wkoll sabiex il-Parlament jiġi kkundannat "iħallas l-interessi kumpensatorji u l-interessi moratorji akkumulati sadanittant".

118 Fl-assenza ta' osservazzjoni speċifika tal-Parlament fir-rigward ta' dan il-kap tat-talbiet, hemm lok li t-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa billi jiġi deċiż li s-somma ta' EUR 36 000 għandha tiżdied bl-interessi bir-rata bażika tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid biż-żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs u, fl-assenza ta' indikazzjoni preċiża tad-data li minnha għandhom jiddekorru tali interessi, li titqies f'dan ir-rigward id-data tal-preżentata tat-talba għal kumpens.

IV. Fuq l-ispejjeż

119 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Barra minn hekk, l-Artikolu 134(3) ta' dawn l-istess regoli jipprevedi li, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha, sakemm il-Qorti Ġenerali ma tqisx iġġustifikat, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża, li waħda mill-partijiet għandha, minbarra l-ispejjeż tagħha, tbati parti mill-ispejjeż tal-parti l-oħra.

120 Fil-każ ineżami, ir-rikorrenti u l-Parlament tilfu parzjalment fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni, jidher iġġustifikat li l-Parlament ibati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, nofs l-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti, filwaqt li jiġi enfasizzat li, għall-finijiet tal-ħlas ta' dawn l-ispejjeż, il-Parlament jista' jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ħidma tal-konsulent, għall-finijiet tal-preżentata ta' dan ir-rikors, ġiet iffaċilitata sostanzjalment minn dik li kienet neċessarja għall-finijiet tal-proċedura ta' trattament tat-talba għal assistenza kif ukoll tal-preżentata tar-rikorsi fil-Kawżi F-49/14 u T-38/17, ħidma li diġà ġiet sostnuta finanzjarjament minn din l-istituzzjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (L-Ewwel Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-Parlament Ewropew huwa kkundannat iħallas lil DQ u lir-rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-Anness is-somma globali ta' EUR 36 000, li għandha tinqasam bejniethom, għad-danni morali li huma ġarrbu, miżjuda bl-interessi, mid-data tat-13 ta' Diċembru 2017, bir-rata stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għall-operazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid biż-żieda ta' tliet punti perċentwali u nofs, u dan sad-data tal-ħlas mill-Parlament tas-somma ta' EUR 36 000.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) Il-Parlament għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu u nofs l-ispejjeż sostnuti minn DQ u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-Anness.

4) DQ u r-rikorrenti l-oħra li isimhom jinsab fl-Anness għandhom ibatu nofs l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Valančius Nihoul Svenningsen

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-3 ta' Ottubru 2019.

Firem